**L-Ewwel logħba – Empires**
*Logħba li għandha element ta' identita – Jien min jien?*

- kulħadd bilqegħda ċirku
- qassam karti żgħar u lapsijiet
- jaħsbu f'persuna famuża u jiktbuha – bla ma juruha lil xulxin
- l-animatur jiġbor il-karti u jispjega li se jaqra l-ismijiet darbtejn u jridu jiftakruhom
- jinqraw l-ismijiet darbtejn
- iż-żgħażagħ iridu jiftakru l-ismijiet li inqraw u jibdew isaqsu lil xulxin min jaħsbu li huma eżempju: "Sarah int James Bond?" – jekk iva Sarah tidħol mal-imperu ta' min saqsa u tgħin lil-imperatur jiġbor aktar nies
- Jekk l-imperatur jaqtgħu min hu l-isem tiegħu, l-imperu kollu jiġi mirbuħ

**Riflessjoni dwar il-logħba**
*F'din il-logħba kellkom identita', u din ġiet rikonoxxuta. Nhar il-Ħadd li ġej ukoll se nisimgħu fuq identita' li tiġi rikonoxxuta.*

**Jinqara l-Evanġelu tal-Ħadd mill-Bibbja - Mt 3, 13-17**

*Qabel nirriflettu fuq il-Vanġelu – naraw il-video Cat Man Do*
https://www.youtube.com/watch?v=2uIRuanbag8

**Riflessjoni dwar il-Video**

Min għandu qattus jista' jifhem kif il-qattus jaġixxi. F'dan il-clip nistgħu ninnutaw kemm il-qattus għandu kunfidenza fih innifsu, li ma jiddejjaqx ikun dak li hu. Huwa qattus, mhux kelb, mhux ħuta imma l-identita' u karratteristiċi tiegħu huma ta' qattus, u mhux lest li jinbidel!

Għaliex kien qed jaġixxi b'dan il-mod il-qattus? Hemm similaritajiet bejn kif jaġixxi l-qattus u aħna? Inti meta tħossok li tista tgħix dak li int? Tħossok kunfidenti?

**Riflessjoni dwar l-Evanġelju**

Ġwanni ma kienx ċert jew ma ħassux daqshekk kunfidenti li jagħmel dak li suppost jagħmel – xogħlu kien li jgħammed. Ma kienx jaf jekk kellux jgħammed lil Ġesu'. Kif jista' jkun li hu kellu jgħammed lil Ġesu'? Ġib eżempju – jiġi għalliem u jgħidlek tista' tikkoreġili komponiment? Kif tħossok?

Iżda Ġesu jipperswadieh li hekk kellu jagħmel, li dik hija l-missjoni tiegħu. Kif ġie mgħammed Ġesu' – f'dak il-mument tibda' serje ta' ġrajjiet wara xulxin – id-dikjarazzjoni li Ġesu' huwa l-Iben l-maħbub ta' Alla, il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu, wara din il-ġrajja naraw it-tentazzjoni fid-deżert u l-quddiem naraw is-sejħa tad-dixxipli, il-miraklu tal-ilma li jinbidel f'inbid – u l-ġrajjiet kbar ikomplu... L-azzjoni ta' Ġwanni, l-irwol tiegħu kienet waħda importantissima biex Ġesu' jibda' l-ministeru tiegħu fuq l-art. Huwa u ħadd iktar ma kellu dak l-irwol importanti.

**Il-Magħmudija**

Fil-magħmudija ta' Ġesu', x'jgħid Alla dwar ibnu?
Aħna li ġejna mgħammdin, Alla qed jgħidilna l-istess ħaġa.
X'ifisser li tkun iben jew bint maħbub ta' Alla? Faċli naċċettawha din? Għaliex?

Fil-magħmudija, aħna sirna parti mill-familja ta' Alla. Bħal Ġwanni aħna wkoll għandna l-missjoni unika tagħna. Bħal Ġesu' fina tnissel l-Ispirtu s-Santu biex bil-qawwa tiegħu inwettqu affarijiet kbar, affarijiet li aħna biss nistgħu inwettquhom.

**Attivita' – Ċagħaq**

- Kulħadd jagħżel ċagħqa. Iżommuha f'idejhom u jifluha sew u mill-qrib.
- Jitfawhom f'barmil ilma u kulħadd jerġa jieħu ċ-ċagħqa tiegħu.

X'ninnutaw? X'inbidel? (indafa) X'ma nbidilx? (forma)

Ejja nqabblu lilna nfusna maċ-ċagħqa, aħna li ġejna mgħammdin. Bħala persuni bqajna l-istess, uniċi, bl-identita u karatteristiċi uniċi tagħna. Iżda ġejna mnaddfa mid-dnub u effettivament ġejna nissejħu wlied Alla, parti mill-familja, mill-knisja tiegħu. Jiena issa għandi missjoni. Imma x'inhi?

Jiena msejjaħ li nkun xhieda tal-imħabba tiegħU - li b'ħajti nuri li jiena iben/bint Alla fl-imħabba tiegħi lejn ħaddieħor, bil-missjoni unika fdata lili.

**Minn Christus Vivit**

*Ħajtek jeħtieġ issir tqanqila profetika, tkun tnebbiħa għall-oħrajn, tħalli marka f'din id-dinja, dik il-marka unika li int biss tista' tħalli. Mill-banda l-oħra, jekk tikkopja, tkun qed iċċaħħad lil din id-dinja, u anki lis-Sema, minn dak li ħadd iżjed ma jista' joffri flokok. (162)*

*Jien naf lili nnifsi biżżejjed, lil hemm minn dak li jidher minn barra u minn dak li nħoss bis-sensi tiegħi? Naf x'inhu li jagħti l-ferħ lil qalbi u xi jnikkitha? Liema huma l-punti b'saħħtihom fija u liema huma l-punti dgħajfa? U minnufih ifiġġu mistoqsijiet oħra: Kif nista' naqdi aħjar u nkun iżjed ta' siwi għad-dinja u għall-Knisja? X'inhuwa posti fuq din l-art? X'nista' noffrilha jien lis-soċjetà? U wara dawn jiġu iktar mistoqsijiet realistiċi: Għandi l-ħiliet meħtieġa biex nista' nagħmel dan il-qadi? Jew, hemm kif nista' niksibhom u niżviluppahom? (285)*

X'inhi l-missjoni tiegħek? Min int, fiex int tajjeb? x'inhi l-passjoni tiegħek? Kif nista' nuża it-talenti u passjonijiet tiegħi biex inkun ta' ġid għal ħaddieħor, għas-soċjeta'?

**Għad-dar –**

- Ritratt li turi xi ħaġa li tirrapreżenta lilek – eżempju fingerprint, il-kamra, xi ħaġa taż-żfin/arti etc – tista' taqsmu mal-grupp bit-titlu – THIS IS ME
- Fittex meta hi d-data tal-magħmudija tiegħek